MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 62/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrew Zarb**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew Zarb talli --
(1) bejn l-14 ta' April 2000 u l-4 ta' Lulju 2000 u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Felandor" nru. 295, Triq il-Gdida, Luqa bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkometta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond li jammonta ghal Lm37.60c ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq kien aggravat bil-mezz u l-hin; u

(2) aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u/jew fil-gumni ta' l-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tad-dawl, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' April 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Andrew Zarb hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u illiberatu skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn; dik il-qorti ordnatlu wkoll ihallas fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti kollha f'dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Andrew Zarb, minnu prezentat fil-15 ta' April, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji li jistghu, pero`, jigu ragruppati fi tlieta: (1) aggravju fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apperzzament hazin tal-provi migjuba; (2) aggravju iehor – li f'certu sens isegwi minn l-ewwel aggravju – fejn huwa jargumenta li l-kalkoli tal-konsum saru hazin; u (3) t-tielet aggravju dwar l-Artikolu 264(2) tal-Kodici Krminali.

Jinghad mill-ewwel li din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, hija sodisfatta li l-aprezzament in generali tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti kien wiehed korrett. Din il-Qorti tosserva in partikolari li hemm divergenzi mhux traskurabbli bejn dak li qal l-appellant meta xehed quddiem il-perit tekniku li kien gie imqabbad ghall-fini tal-inkjesta dwar l-*in genere* – u meta allura huwa kien zgur jaf dwar x'hiex kienet qed issir l-*in genere* – u dak li huwa xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Frar, 2003.

Huwa jghid li meta xehed it-tieni darba huwa kien semplicement elabora jew spjega aktar dwar dak li kien qal lill-perit tekniku, u allura l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta qalet li huwa kien "bidel" il-versjoni tieghu. Hawnhek qeghdin fir-kamp tal-apprezzament tal-provi, fejn din il-Qorti ma tintervjenix jekk tkun sodosfatta li l-ewwel qorti, fuq dak li kellha quddiemha (inkluz il-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda), setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Ghaliex l-appellant, allura imputat, ma indikax mill-ewwel lill-perit tekniku li hu kien stalla "solar water heater" (li, skond l-appellant, taghmel tant differenza ghal dak li hu konsum tal-elettriku), u ghaliex baqa' ma gabx prova konkreta, anke fil-kors tal-kawza, ta' tali stallazzjoni – data ta' l-istallazzjoni, marka, ecc.? Meta huwa xehed quddiem il-perit tekniku fl-4 ta' Lulju, 2000 (fol. 66) l-appellant kien qal li huwa kien ilu jabita fil-fond in kwistjoni cirka sena flimkien mal-familja tieghu; meta xehed quddiem il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2003 huwa qal li meta nqala' l-incident *de quo* huwa kien ghadu ma joqghodx fil-post in kwistjoni "bhala residenza ordinarja tieghu". Imkien ma jghid liema kienet allura r-"residenza ordinarja tieghu" f'dak iz-zmien. Kollox ma' kollox din il-Qorti tara li ma hemm xejn x'ticcensura fil-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti ghal dak li hu apprezzament tal-provi in generali.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jaghmel diversi kalkoli, ibbazati anke fuq dokumenti li huwa ezibixxa flimkien mar-rikors ta' appell, biex jipprova igib fix-xejn id-deposizzjoni ta' Silvio Decelis u, in parti, anke tal-perit tekniku Philip Zammit. Din il-Qorti, apparti li diga ordnat l-isfilz ta' dawn id-dokumenti, tosserva li dawn il-kalkoli kien messhom saru u gew imqieghda quddiem l-ewwel qorti, biex b'hekk dik il-qorti, f'kaz li kien jidhrilha li kien hemm il-htiega ta' nomina ta' perit tekniku iehor, tordna tali nomina. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-appellant, allura imputat, li huwa stess jitlob perizja teknika ohra biex jissostanzja il-konsum tad-diversi "appliances" li huwa jindika fir-rikors ta' appell. Seta' anke, kieku ried, jikkontro-ezamina lill-perit tekniku fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti biex jipprova jasal (imqar fuq bazi ta'

probabbilita`) ghal kalkoli differenti. Minn dan l-appellant ma ghamel xejn – fl-udjenza tat-18 ta' April, 2002 huwa semplicement irrizerva l-kontro-ezami ta' Philip Zammit, u spicca biex qatt ma kkontro-ezaminah. Dak li qed jipprova jaghmel l-appellant f'dan il-kaz huwa li jaghmel tajjeb fl-istadju ta' appell ghan-nuqqas tieghu li jgib provi quddiem l-ewwel qorti, u dan din il-Qorti ma tistax tippermettih anke in vista ta' dak li jinghad fl-Artkolu 424 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tosserva fl-ahhar nett dwar dawn il-kalkoli dawn iz-zewg punti. L-appellant jindika il-konsum ta' "fridge" u jghid li hu ma kellux "fridge-freezer" izda "fridge biss". Huwa ma jindikax il-konsum ta' xi "freezer" separat mill-"fridge". Pero` fid-deposizzjoni tieghu quddeim l-ewwel qorti (fol. 75 u 76 tal-atti) – deposizzjoni li hu b'ebda mod ma pprova jimpunja l-korrettezza taghha – hemm hekk:

**Dak iz-zmien fil-post kelli cooker tal-gas, solar water heater, kelli heater tal-gas, fireplace u dana kont nuzahom bhala heaters, jigifieri heaters tad-dawl ma kellix. Fridge u freezer normali. Il-fridge ovvjament kellu t-thermostat.**

Fit-tieni lok huwa jghid li l-perit tekniku "iddikjara li huwa ma vverifikax [l-appliances u l-konsum taghhom] imma qaghad fuq li qalulu l-impjegati ta' l-Enemalta". Dan hu totalment skorrett u ma jirrizultax mill-atti. Il-verbal tal-access tal-4 ta' Lulju, 2000, kjarament jindika – u dan ma gie kontradett imkien – li l-imsemmi perit zamm hu personalment access (akkumpanjat mill-Ispettur tal-Pulizija, il-fotografu, iz-zewg impjegati tal-Enamalta, kif ukoll minn Andrew Zarb) u fil-kors ta' dan l-access hu ikkonstata, fost affarijiet ohra, l-appliances u l-konsum taghhom (ara l-verbal a fol. 57 sa 60).

Kwantu ghall-Artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. L-appellant jghid li l-*meter* in kwistjoni kellu jigi ezibit materjalment quddiem l-ewwel qorti u mhux semplicement jigu ezibiti ritratti. L-appellant, pero`, quddiem l-ewwel qorti f'ebda hin ma talab li tali *meter* jigi ezibit, meta huwa kien jaf ben tajjeb li skond l-imsemmi artikolu kien jispetta lilu, bhala d-

detentur tal-fond li jipprova, ghalkemm fuq bazi ta' probabbilita` biss, li hu ma kienx jaf b'dak l-uzu illegittimu ta' kurrent elettriku. Il-kwistjoni, ghalhekk, tirriduci ruhha ghal wahda ta' apprezzamanet ta' provi, u anke hawn din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghadha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu ta' sentejn tal-liberazzjoni taht kundizzjoni tibda tiddekorri mill-lum. Ghal kull buon fini l-Qorti regghet spjegat lill-appellant fi kliem semplici u car li jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-periodu tal-liberazzjoni taht kundizzjoni huwa jista' jigi kkundannat ghar-reati li ghalihom tirreferi din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------